# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 23 ta' April 2001**

**Avviz. numru 1457/00**

**Numru 46**

**Allied Insurance Services Limited**

**vs**

**Clinton sive Clint Debono**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u sitta u disghin Liri Maltin u disa u tletin centezmu (Lm296.39) mill-konvenut dovuti rappresentanti s-somma dovuta ghal "premia" fuq poloz ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' attrici fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata t-30 ta' Marzu, 1999 u bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fit-28 ta' Marzu 2001 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm296.39,0 bl-imghax legali mit-30 ta' Marzu 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra uffijcali tat-30 ta' Marzu 1999.

Alan Calleja
Dep.Reg